MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 47

3 ta' Diċembru 2015

Minuti tas-seduta Nru. 47 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 3 ta' Diċembru 2015 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier D. Vella u P. Cutajar. Is-Sur D. Vella kien indispost, filwaqt li l-Kunsillier P. Cutajar għarraf li kellu inpenn ieħor relatat max-xogħol tiegħu, skont imejl datat 29 ta' Novembru 2015. L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti. Is-seduta ma ġietx trasmessa direttament bl-internet minħabba problema teknika marbuta ma' tibdil li sar fis-sit elettroniku tal-Kunsill.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti mingħajr emendi, u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Attivita` minn Green MT Ltd (K/6/11)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li kien hemm rispons qawwi mill-pubbliku għall-attivita` illi fiha tqassmu boroż griżi u nġabru ħwejjeġ u *hand bags* qodma, li saret f'Misraħ il-Parroċċa nhar il-Ħadd 29 ta' Novembru 2015,.

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg kkummenta wkoll li kien hemm min ippropona li apparti l-inizjattiva msemmija, ikun hemm xi forma ta' divertiment biex jiġu attirati aktar nies. Huwa qal li huwa kien preżenti għal xi ħin u nnota li n-nies ġew biex jieħdu l-boroż u jħallu l-oġġetti li kellhom u ma jidhirx li kellhom l-intenzjoni jdumu.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Manutenzjoni u restawr tal-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol IV)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fl-20 ta' Novembru 2015 mad-Direttur tal-Ippjanar is-Sur Christopher Borg u s-Sur Joe Magro Conti l-maniġer tal-*Heritage Planning Unit* fi ħdan il-MEPA. Din il-laqgħa hija ntiża wkoll sabiex

tkompli tiġi segwita talba li saret għall-finanzjament tar-restawr tal-batterija permezz tal-Environment Initiatives in Partnership Programme (*EIPP)*. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-uffiċjali msemmija wrew l-appoġġ personali għat-talba li ressaq il-Kunsill wara li ġiet mgħoddija d-dokumentazzjoni mitluba. Minkejja dan, jeħtieġ li t-talba tiġi diskussa mill-Bord li jamministra l-*EIPP*.

2.2.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.3.1. Twieqi tal-Iskola Primarja (T/3/2/Vol XII)( S/3/1/1)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u qal li t-twieqi tal-iskola kienu inbidlu ma' oħrajn ġodda li għandhom il-parti t'isfel tagħhom fissa u għaldaqstant infetħu l-passaġġi li saru fuq in-naħa ta' barra tal-iskola.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Servizz ta' messaġġi fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (E/3/1/11/Vol II)

2.4.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 2.4.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li d-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani ħareġ is-sejħa għall-interess dwar servizz privat ta' *body massage*, kura tad-dwiefer eċċ għaċ-Ċentri ta' Matul il-Jum tal-Gvern.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 30/11/15;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 06/11/15 – 24/11/15;
- Skeda ta' Pagamenti – 14/11/15 – 30/11/15;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendkont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2015;
- Emendi proposti fil-*Bye-Laws* KLBL 37/2/2009 dwar Attivitajiet fil-Beraħ

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Proġett iffinanzjat mill-Programm *Europe for Citizens* tal-UE (P/10/19)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Novembru 2015 mibgħut mill-Associazione Turistica Pro Loco di Uri bbażata fl-Sardinja, li hija l-imsieħeb ewlieni fil-proġett bl-isem *Town Twinning for Rural Development – A Great Opportunity for EU Citizens*. Flimkien ma' din l-organizzazzjoni hemm msieħba oħrajn mill-Italja, ir-Rumanija; il-Latvja, Spanja u il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Fl-istess imejl intqal il-proġett ġie approvat mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea. Il-proġett għandu baġit totali ta' €18,000 u huwa ffinanzjat taħt Strand 2, Miżura 2.1 Town Twinning.

4.1.3. Ġie spjegat li l-pass illi jmiss huwa li jiġu identifikati madwar 30 persuna nvoluti fl-agrikoltura minn kull organizzazzjoni msieħba li jkunu kompetenti fis-suġġett sabiex jagħmlu preżentazzjonijiet u jtellgħu wirja tal-ikel skont kif stabbilit fil-programm. Intalab ukoll li jsiru l-arranġamenti għall-ivjaġġar għall-belt ta' Uri f'Sardinja fejn ser jitwettaq il-proġett bejn l-10 u l-14 ta' Marzu 2016.

4.1.4. Il-Viċi Sindku ppropona li tingħata preferenza lill-istudenti Melleħin li jattendu l-kors tal-agrikoltura fl-MCAST.

4.1.5. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-grupp jinkludi wkoll persuni nvoluti fil-gastronomija

4.1.6. Il-Kunsill approva l-proposti skont il-minuti 4.1.3. u 4.1.4. aktar 'il fuq, kif ukoll qabel li bħala uffiċjali għandhom jattendu l-Viċi Sindku C. Bartolo, il-Kunsillier H. Fenech u l-impjegat S. Borg, li kien involut fil-kuntatti li saru.

### 4.2.1. Impjieg ta' persuni b'diżabilita` (P/7/2/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għall-Memo 32/2015 datat 23 ta' Novembru 2015 dwar sejħa għall-espressjoni ta' interess għall-impjieg ta' persuni b'diżabilita` lil dawk il-Kunsilli li

m'għandhomx impjegati magħhom permezz tal-iskemi li ħarġu f'Memos 58/2011 u 35/2012. Id-data tal-għeluq hija l-11 ta' Diċembru 2015.

4.2.3. Ġie nnutat li fil-memo ma ngħataw ebda dettalji dwar minn fejn ser jitħallsu dawn il-persuni, kif ukoll jekk iridux jibqgħu mpjegati mal-Kunsill meta tagħlaq l-iskema.

4.2.4. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonsidra jagħmel użu mis-servizz klerikali minn persun/i b'diżabilita sakemm ma jkunx hemm involviment finanzjarju mill-fondi ordinarji tiegħu.

### 4.3.1. Allegat danni kkawżati fuq vettura RIV 002 fi Triq Salvinu Vella (D/5/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 25 ta' Novembru 2015 mibgħuta mill-Avukat Leontine Calleja, li kitbet f'isem Carlo Galea, sid il-vettura msemmija li allegatament waqgħet f'ġandott li jinsab fi Triq Salvinu Vella kantuniera ma' Triq l-Erwieħ, biswit iċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji. Ġew sottomessi ritratti li juru l-ħsara msemmija fl-ittra, kif ukoll rapport tal-Pulizija datat 22 ta' Novembru 2015.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux jaċċetta t-talba, għar-raġuni li fil-post indikat m'hemmx *parking bays*, kif hemm fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Għaldaqstant, l-ipparkjar huwa pprojbit fuq in-naħa tat-triq fejn ġara l-inċident. Kien hemm qbil li għandha tingħata tweġiba f'dan is-sens mill-konsulent legali tal-Kunsill.

### 4.4.1. *Pelican crossing* fi Triq il-Marfa (T/3/2/Vol XII)

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 24 ta' Novembru 2015 mill-operatur ta' Luna Complex sabiex issir *pelican crossing* fi Triq il-Marfa, bejn Triq it-Trill u Dawret it-Tunnara. Fl-istess imejl ġie propost li titwessa l-bankina fuq in-naħa tal-bini, peress li dik eżistenti hija dejqa ħafna.

4.4.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ddeċieda li għandha ssir applikazzjoni mal-MEPA sabiex titwessa' il-bankina li tkun tinkorpora fiha *build-outs* li jistgħu jkunu meħtieġa biex issir *pelican crossing*.

### 4.5.1. Wirja piroteknika fl-Ewwel tas-Sena 2016 (S/6/Vol IV)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat l-1 ta' Diċembru 2015 mibgħut mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina, fejn talbu lill-Kunsill jagħti l-kontribut tiegħu flimkien mal-komunita` kummerċjali sabiex issir wirja ta' logħob tan-nar fl-okkażjoni msemmija.

4.5.3. Fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill kien parteċipi f'attivitajiet oħra mal-għaqda msemmija aktar kmieni fis-sena kurrenti, kif ukoll minħabba li ser ikun hemm tnaqqis fin-nefqa f'dak li jirrigwarda l-attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, kien hemm qbil unanimu li din it-talba ma tistax tiġi milqugha.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 30 ta' Novembru 2015.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn is-6 u l-24 ta' Novembru 2015.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-14 u t-30 ta' Novembru 2015.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Reviżjoni ta' *bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ (B/5/Vol IV)

7.2. Is-Segretarju fakkar lill-Kunsill fl-emendi li ġew proposti fis-seduta Nru. 44 meta kien hemm qbil li għandhom jiġu mgħoddija lill-konsulent legali. F'dan il-waqt is-Sindku ssusspenda s-seduta sabiex isiru nterventi mill-avukati Mario Mifsud u Alfred Abela.

7.3. Is-Sindku rrefera għad-definizzjoni tal-kliem "*bajja skedata*" fir-regolament 2, fid-dawl tal-fatt li fil-ġejjieni qarib hemm il-possibilta` li r-Ramla tal-Mixquqa tottjeni il-*Blue Flag* bħal fil-każ tal-Għadira. Huwa staqsa dwar jekk il-*barbecues* għandhomx jiġu pprojbiti fil-Bajja tal-Mixquqa, jew le, biex tinżamm il-konsistenza. Huwa aċċenna wkoll li l-kriterji tal-*Blue Flag* ma jeżiġux li l-*barbecues* ma jsirux, iżda jitolbu li r-ramliet ikun nodfa partikularlment bejn id-9.00am u s-6.00pm.

7.4. L-Avukat A. Abela ħa nota tal-osservazzjonijiet li għamel is-Sindku fil-minuta 7.2. u talab li jingħata aktar żmien sabiex isib l-aħjar kliem għal din id-definizzjoni. F'dak il-waqt issemmiet il-possibilta` li minflok jistgħu jintużaw il-kliem "*żona skedata*", minħabba li hemm partijiet fl-istess bajja fejn il-*barbecues* jistgħu jitħallew isiru, bħal fil-każ tal-Għadira. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li jeżistu mezzi sabiex *barbecues* mhux neċessarjament isiru bl-użu tal-faħam

7.5. Dwar id-definizzjoni ta' "*gazebo*", kien hemm qbil li l-umbrelel għadhom jiġu esklużi biex ikun hemm konsistenza mat-tifsira tal-kelma "kamp", li għandha tinqara hekk:

> *"gazebo" tfisser kull tip ta' struttura msaqqfa tad-drapp jew tal-kanvas, normalment, iżda mhux neċessarjament bil-ġnubijiet miftuħa, li tipprovdi post delli, iżda teskludi l-umbrelel.*

7.6. Rigward ir-regolament 3.1. (ċ), l-avukati qablu mal-proposta tal-Kunsill li din għandha tinqara kif ġej:

> *"(ċ) li ma titqiegħed l-ebda ħaġa fuq il-bankina jew fit-triq, jew madwar il-camper."*

7.7. Fuq il-parir tal-avukati, ġie deċiż li m'għandux ikun hemm proviso mar-regolament 3.1. dwar postijiet fejn *gazebos* jistgħu joħolqu problemi bl-ingombru li jikkawżaw.

7.8. Dwar l-ewwel *proviso* mar-regolament 4.4. kien hemm qbil li dan għandu jinqara kif ġej:

> *"Iżda għandu jitħallas dritt ta' ħames mitt Ewro (€500) meta l-attivita` tkun intiża għal aktar minn mitejn persuna bi skop kummerċjali."*

7.9. Fuq it-tieni proviso tar-regolament 3.1.(ċ) ġie deċiż li għandu jinqara hekk:

*"Iżda meta attivita` tkun organizzata minn organizzazzjoni volontarja hekk kif imfissra fl-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji m'għandu jitħallas ebda dritt, filwaqt fir-rigward ta' applikanti oħra, għandhom jitħallsu d-drittjiiet li jidhru hawn taħt:*

| | |
|---|---|
| *Sa ħamsin persuna* | *€5.00;* |
| *Bejn wieħed u ħamsin u mitt persuna* | *€10.00; u* |
| *Iktar minn mija* | *€50.00"* |

7.10. Il-Kunsill talab lill-avukati preżenti sabiex jissomettu t-test kif emendat sabiex jitqiegħed għad-dispożiżżjoni u r-rejazzjoni tal-pubbliku għal perjodu ta' tliet ġimgħat, skont kif stipulat fl-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

## 8.1. Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

8.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u qal li fis-27 ta' Novembru 2015, huwa kkuntattja lis-Sinjorina Erica Galea, kemm bl-imejl kif ukoll bit-telefon, sabiex tgħid jek hijiex beħsiebha tkompli fil-kariga msemmija hawn fuq. Is-Sur C. Debono qal li sad-data tas-seduta kienet għad ma ngħatat ebda tweġiba.

8.3. Il-Kunsill talab li dan is-suġġett jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss bil-għan li tiġi nominata persuna oħra.

## 9.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2015 (A/5/3/7)

9.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li l-programm ta' attivitajiet Milied Mellieħi jkun kif ġej:

| | |
|---|---|
| It-Tlieta 22 ta' Diċembru | 3.30pm – Attivita` għall-anzjani kollha f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa<br><br>7.30pm – Jinfetaħ il-villaġġ tal-Milied f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, fejn ikun hemm varjeta` ta' kant u żfin bis-sehem tal-Kor Vuċijiet Vittorjani u l-Iskola taż-żfin Adonelle Dancers u parata mill-Big Friends Guggen Musik.<br><br>21.30pm – Kunċert mill-kor Animae Gospel Choir |
| L-Erbgħa 23 ta' Dicembru | 3.30pm - Festin għat-tfal kollha tal-lokalita`, minn 3 sa 10 snin, fis-Sala Professur Godfrey Wettinger fl-Iskola Primarja.<br><br>7.30pm – Jinfetaħ il-villaġġ tal-Milied, fejn ikun hemm varjeta` ta' kant u mużika bis-sehem tat-tfal tal-Iskola Primarja u l-iskola taż-żfin Artemocion Dance & Leisure Studio.<br><br>10.00pm – Kunċert mtella' mill-Virtuosi Band. |
| Il-Ħamis 24 ta' Diċembru | 7.30pm – Jinfetaħ il-villaġġ tal-Milied u tgħaddi l-purċissjoni bil-Bambin organizzata mill-membri tal-MUSEUM.<br><br>8.00pm – Kant varjat marbut mal-Milied.<br><br>9.00pm – F'Misraħ il-Parroċċa l-Banda tal-Għaqda Mużikali Imperial iddoqq siltiet mużikali marbuta mal-Milied.<br><br>11.00pm – Quddiesa ta' lejlet il-Milied fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa. |

9.3. Is-Sur C. Bartolo aċċenna li ser ikun hemm attrazzjonijiet oħra bħal: bejgħ ta' prodotti lokali mill-għaqdiet, wirja tal-presepji, artiġġjanat; bejgħ ta' prodotti marbuta mal-Milied; *zip-lining* u *abseiling* mill-Mellieħa Scout Group, rokna għat-tfal eċċ.

9.4. Il-Kunsill approva l-programm kif imressaq.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 6/2015), skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), dwar ix-xiri u t-tqegħid fil-post ta' bandli u xogħol anċillari fil-Playing Field ta' Ġnien il-Qigħan fi Triq Qasam Barrani;***

***Billi saret rapport tekniku mill-Contracts Manager tal-Kunsill u evalwazzjoni mit-Tender Adjudication Board skont rapport datat 12 ta' Novembru 2015, liema evalwazzjoni ġiet ikkunsidrata fis-seduta Nru. 46 tad-19 ta' Novembru 2015; u***

***Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2015 ġew ivvutati fondi biżżejjed fil-Vot 7525 tal-Estimi 2015 allokat għat-Titjib ta' Ġnien il-Qigħan;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Gokker Ltd li offra play equipment li jagħti l-valur tal-flus imħallsa, filwaqt li huwa konformi mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fid-dokument tal-offerta.".***

**(P/2/1)**

10.2. Is-Sindku J. Buttigieg ħareġ mill-kamra fid-dawl tad-dikjarazzjoni li għamel fis-seduta preċendenti.

10.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti, wara li raw illi l-offerta ta' Gokker Ltd kienet l-irħas waħda konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fid-dokument tal-offerta. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**11.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Attard illi tgħid:**

***"Billi saret sejħa għall-offerti 7/2015 skont l-Artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, bil-għan li jiġi faċilitat l-aċċess għall-Uffiċċju Amministrativ f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida bl-installazzjoni ta' bieb awtomatiku u formazzjoni ta' rampa fil-bankina;***

***Billi l-unika offerta li daħlet sad-data ta' l-għeluq ġiet evalwata teknikament mid-ditta Galea Curmi Engineering Consultants skont rapport datat 26 ta' Novembru 2015, li ġie sottomess għad-diskussjoni fis-Seduta Nru. 46 tal-19 ta' Novembru 2015;***

***Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2014 hemm vot Nru. 7210 sabiex ikopri l-installazzjoni tal-imsemmi bieb, flimkien ma' xogħlijiet anċillari;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mad-ditta Uskin Ltd li offriet illi tforni u tinstalla t-tagħmir meħtieġ bi spiża ta' €8,819.".***
**(K/1/2/Vol IV)**

11.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

**12.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol II)**

12.2. Is-Sindku J. Buttigieg ħareġ mill-kamra fid-dawl tad-dikjarazzjoni li għamel fis-seduta preċendenti.

12.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta ta' qabel u ppropona li għandha ssir intervista lill-offerenti kollha li l-offerta tagħhom qabżet l-kalkolu tal-ispejjeż tal-impjegati li sar mill-Kunsill.

12.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta u għaldaqstant iddeċieda li l-offerenti: Antoine Fenech; Paul Cardona, Highland Group Ltd, u Absolute Cleaners Ltd għandhom jiġu ntervistati fis-16 ta' Diċembru 2015.

**13.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2015 (F/1/1/Vol II)**

13.2. Dan is-suġġett tħalla għas-seduta li jmiss, peress li mhux il-Kunsillieri kollha kienu qraw ir-rendikont.

**14.1. Ingombru fi Triq l-Għar u Casa (T/3/2/Vol XII)**

14.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa ġie avviċinat minn xi residenti fin-naħa ta' ġewwa ta' t-triq imsemmija dwar vetturi li qed ikunu pparkjati fil-parti fejn jispiċċa t-tarmak u tibda l-parti miksija bil-konkos. Is-Sur E. Bartolo ssuġġerixxa li jsiru linji sofor fuq il-konkos biex il-passaġġ għall-vetturi ma jiġix imxekkel.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**15.1. Restawr u kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)**

15.2. Is-Sindku aċċenna għat-talba li saret lill-Kummissarju tal-Artijiet dwar il-ħruġ ta' sejħa għall-interess, bil-għan li it-torri msemmi jiġi rrestawrat u kustodit kif suppost minn xi

entita` volontarja kompetenti f'dan il-qasam. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta li minkejja li l-ittra ntbagħtet fit-18 ta' Settembru 2015, kienet għadha ma ngħatatx tweġiba

15.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat ittra mill-avukat tal-Kunsill dwar l-urġenza tal-każ minħabba l-ħsara li qed issir lit-torri.

## 16.1. Kawża dwar Triq Toni Pace (T/4/13/Vol XII)

16.2. Is-Sindku għarraf li s-smiegħ tal-kawża Gouder vs Kunsill Lokali Mellieħa u Central Asphalt Ltd tkompla fit-2 ta' Diċembru 2015 quddieml-Imħallef l-Onor. Silvio Meli. Fl-istess seduta il-Perit Legali u l-Perit Tekniku wieġbu għall-mistoqsijiet li tressqu lilhom minn qabel mill-avukat tas-Sur Gouder, filwaqt li kellu jsir l-istess mill-avukat tal-konvenuti. Tal-aħħar ma seħħitx, peress li l-Qorti ma kinitx notifikata dwarhom u għalhekk intilfet din l-opportunita`.

16.3. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li waqt l-imsemmija seduta l-Imħallef staqsa dwar jekk kienx hemm possibilta` li jinstab rimedju għal din il-kwistjoni barra 'il Qorti. Is-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni tal-Imħallef li fuq inizjattiva tal-Onor. Evarist Bartolo saret laqgħa ta' medjazzjoni fl-uffiċċju tal-periti M.P. & D.C. fl-2006, fejn in-naħa tal-Kunsill kienet ipproponiet li jsiru spralli għall-ilma tax-xita qrib ir-residenza tas-Sinjuri Gouder. Din il-proposta ma ġietx aċċettata mill-atturi għaliex skont l-atturi, dawn jiġu bla effett kemm-il darba t-tindif tagħhom jiġi traskurat. Huwa stqarr ukoll li jeżistu diversi spralli simili fil-lokalita` li jitnaddfu regolarment mill-Kunsill qabel tibda x-xitwa.

16.4. Is-Sur J. Buttigieg qal li fis-smiegħ li jmiss, ikunu jistgħu jsiru biss mistoqsijiet mill-avukat tal-konvenuti fuq il-mistoqsijiet li saru mill-avukat tal-atturi u t-tweġibiet li ngħataw għalihom mill-periti msemmija.

16.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 17.1. Lanterni fuq iz-zuntier f'Misraħ il-Parroċċa (P/4/3/Vol IV)

17.2. Is-Sindku rrefera għall-kuntratt li ngħata sabiex jinbidlu l-lanterni msemmija. Huwa għarraf il-lanterni ġodda tqiegħdu fuq il-post u nxtegħelu. Billi dawn għandhom lampi tat-tip *daylight* ma gewx jaqblu ma' dawk tal-parapett u tal-Belvedere tas-Sur. Għaldaqstant, is-Sur J. Buttigieg ippropona li l-lampi kollha jsiru tat-tip *daylight* biex jiġu l-istess.

17.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 18.1. Servizz dwar tiswija tal-qtates (A/9)

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet illi b'rabta mas-suġġett, fil-5 ta' Diċembru 2015 saret laqgħa ma' persuni li jħobbu l-annimali. Attendew għaliha seba' persuni, li lkoll kienu lesti li jaqbdu l-qtates biex jiġu msewwija. Ġie propost li l-Kunsill jipprovdi ħames gaġeġ flimkien ma' nassa (*trapper cage*). Hija spjegat li meta l-qtates jiġu trattati jeħtieġ jinżammu għal ftit jiem ġewwa. Għaldaqstant il-Kunsill jeħtieġ li jipprovdi l-ikel, kif ukoll isir post adekwati.

18.3. Il-Kunsill qabel li jipprovdi l-affarijiet kollha msemmija, kif ukoll li għandu jsir kuntatt mal-Mellieħa Scout Group sabiex il-qtates jinżammu fil-kwartieri tagħhom waqt il-konvalixxenza.

## 19.1. Parteċipazzjoni fl-avveniment Bethlehem f'Għajnsielem (A/5/5/Vol VII)

19.2. Is-Sindku qal li għalkemm sad-data tas-seduta kien għadu ma ġiex ikkuntattjat mill-organizzaturi tal-avveniment imsemmi, huwa mistenni li bħal snin oħra jerġa jintalab is-sehem tal-Kunsill.

19.3. Kien hemm qbil li l-kontribut tal-Kunsill għandu jinvolvi kiri taż-żwiemel, u l-ħlas tas-suldati bil-kostumi, u s-servizz tal-audio għal Misraħ il-Parroċċa, fil-Mellieħa. Din id-darba, il-vjaġġ tal-Maġi jibda minn Misraħ il-Parroċċa, fil-Manikata' u jseħħ nhar il-Ħadd 3 ta.' Jannar 2016.

## 20.1. Bibita` tal-Milied (A/5/3/Vol XII)

20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, ipproponiet li ssir bibita` tal-Milied għall-impjegati tal-Kunsill u l-ħaddiema assenjati miegħu.

20.3. Il-Kunsill approva l-proposta u ddeċieda li l-attivita` issir fl-24 ta' Diċembru 2015 f'nofsinhar, kif ukoll li jiġu mistiedna kollaboraturi oħra, bħal kuntratturi.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tlieta, 5 ta' Jannar 2016 fis-7.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**